**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru: 178/2012 MLF**

**Alfred Portelli**

**vs**

**Kunsill Lokali ta' Xbiex**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talbet sabiex, prevja d-dikjarazzjoni illi l-Kunsill konvenut ivvjola l-kuntratt ta' Contracts Manager datat 18 ta' Jannar 2010, meta *ex abrupto* ittermina l-istess kuntratt ta' l-attur qabel iz-zmien pattwit, u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi, tikkundanna l-istess Kunsill konvenut jhallas in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

   Ghal fini tal-kompetenza l-ammont tad-danni pretizi ma jeccedix is-somma ta' Euro 11,646.87.

2. Rat ir-risposta tal-Kunsill konvenut fejn eccepixxa:

   i. It-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta a priori peress illi l-mertu tal-kaz odjern ma hux sindakabbli minn dina l-Onorabbli Qorti.

ii. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jinghad illi t-talbiet tar-rikorrenti lanqas ma huma proponibbli peress illi l-istess rikorrenti kien accetta pagament ahhari minghand il-Kunsill intimat ghas-saldu ta' dak kollu lilu dovut, minghajr ebda riservi;

iii. Illi minghajr pregudizzju ghal premess jinghad ukoll illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm legalment u kif ukoll fattwalment peress illi mhux biss il-kuntratt gie tterminat ghal ragunijiet gustifikati izda sahansitra jinghad oltre li f'kuntratt simili l-Kunsill ghandu u kellu l-jedd li jittermina tali kuntratt minghajr ma jaghti ebda raguni basta jaghti lill-kuntrattur pre-avviz ta' 30 jum, fatt li hekk sehh fil-kaz odjern.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

3. Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-11 ta' Novembru 2013 li permezz taghha l-Qorti laqghet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u cahdet it-talbiet tal-attur.[1]

4. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tas-26 ta' Novembru 2014 li permezz taghha gie milqugh l-appell interpost mill-attur, irrevokat is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2013 u rrimandat l-atti quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza it-talba tal-attur fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-Kunsill konvenut.[2]

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha pprezentati.

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

---

[1] Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2013 a fol. 61 tal-process
[2] Ara s-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014 a fol. 14 tal-atti tar-rikors tal-appell

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. L-attur kien jahdem bhala *Contracts Manager* mal-Kunsill konvenut fuq bazi ta' diversi kuntratti ghal zmien definit, bl-ahhar wiehed ikun dak datat 18 ta' Jannar 2010 li kellu validita' ta' tlett snin, suggett ghal terminazzjoni bikrija skont id-disposizzjonijiet tal-Kundizzjonijiet Generali tal-Kuntratt ghal Servizzi. Ghab-bazi ta' dan il-kuntratt, ir-responsabilitajiet tal-attur kienu jinkludu li jizgura t-twettiq sodisfacenti tax-xoghol maghmul mill-kuntratturi tal-Kunsill, ic-certifikazzjoni tat-tlestija parzjali jew shiha tax-xoghol, kif ukoll li japprova l-hlas dovut lill-kuntratturi tal-Kunsill ghas-servizzi minnhom moghtija.[3]

ii. Fost il-kuntratturi tal-Kunsill konvenut kien hemm is-socjeta' Twish Limited rapprezentata minn certu John Borg li kienet responsabbli ghat-tindif u zamma tal-bajjiet tal-lokalita'.[4]

iii. Bejn ix-xhur ta' Gunju u Lulju tas-sena 2011, l-attur beda jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill konvenut dwar xi nuqqasijiet ta' dan il-kuntrattur, fosthom li x-xoghol tat-tindif ma kienx qieghed jigi ezegwit b'mod tajjeb u ghalhekk kien qieghed jibqa' l-hmieg u l-iskart fit-toroq, li l-kuntrattur ma kienx qieghed jahdem bil-magna tal-knis, u li l-bajjiet li kellhom jigu mnaddfa mill-kuntrattur kienu minflok qeghdin jitnaddfu minn haddiema tal-Gvern. Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur kien ha d-decizjoni li ma jiccertifikax ix-xoghol u b'hekk ma japprovax il-hlas dovut.[5]

iv. Il-Kunsill konvenut ma qabilx ma' din id-decizjoni tal-attur u waqt laqgha tal-Kunsill mizmuma fis-26 ta' Lulju 2011 il-*"Vici Sindku A. Farrugia qal li fl-opinjoni tieghu is-Sur Portelli ghandu jitkecca. Il-Kunsillier E. Muscat bhala membru ta' l-istess Kumitat, qal li hu jissekonda din il-proposta. Huwa qal ukoll li l-Contract*

[3] Ara l-kuntratt a fol. 75 tal-process
[4] Ara t-tender document immarkat bhala Dok CX1 a fol. 115 tal-process u l-formola tat-Tender immarkata bhala Dok CX2 a fol. 130 tal-process
[5] Ara l-affidavit tal-attur a fol. 73 tal-process

*Manager agixxa hazin anke ghall-fatt li kellu problema ma kuntrattur wiehed u mieghu wehlu l-kuntratturi kollha.”*[6]

v. Dak inhar stess, u cioe’ fis-26 ta’ Lulju 2011, il-Kunsill konvenut baghat ittra legali lill-attur li permezz taghha wara li rriferih ghas-seduta tal-Kunsill li nzammet fit-12 ta’ Lulju 2011, gibidlu l-attenzjoni ghal diversi nuqqasijiet li, skond il-Kunsill konvenut, kien qieghed jaghmel l-attur fl-ezekuzzjoni tax-xoghol tieghu. Il-Kunsill konvenut informa lill-attur li ma kienx hemm raguni valida ghaliex ix-xogholijiet li saru mill-kuntratturi ma jigux certifikati, u interpellah sabiex ma jissoktax bl-agir tieghu.[7]

vi. Ghal din l-ittra, l-attur wiegeb permezz ta’ ittra legali datata 9 ta’ Awwissu 2011 li permezz taghha rrefera ghall-fatt li huwa kien diga gibed l-attenzjoni tal-Kunsill konvenut bl-allegati nuqqasijiet tal-kuntrattur in kwistjoni, u li kien jonqos minn dmiru jekk *“japprova hlas ghal xoghol li suppost isir fuq gimgha ta’ sitt ijiem meta fil-fatt il-kuntrattur jahdem biss hames t’ijiem fil-gimgha.”*[8]

vii. B’ittra datata 24 ta’ Awwissu 2011, il-Kunsill konvenut gharraf lill-attur bl-intenzjoni tieghu li jittermina l-kuntratt tal-attur, u li tali terminazzjoni kienet ser tidhol fis-sehh b’mod effettiv fi zmien tletin gurnata minn meta l-attur jircievi l-istess ittra.[9] Ghal din l-ittra, l-attur wiegeb permezz ta’ ittra legali ohra datata ukoll 24 ta’ Awwissu 2011 fejn avza lill-Kunsill konvenut li sakemm l-istess Kunsill ma kienx dispost li jikkonsidra d-decizjoni tieghu, huwa kien ser jipprocedi ulterjorment kontra l-Kunsill konvenut.[10]

viii. F’Settembru tas-sena 2011, l-attur baghat fattura lill-Kunsill konvenut fl-ammont ta’ €153.68 ghal servizzi minnu rezi fil-perjodu bejn l-1 ta’ Settembru u 17 ta’ Settembru 2011. Kontra din il-fattura, il-Kunsill konvenut baghat pagament permezz ta’ *cheque* anness ma’ ittra datata 25 ta’ Novembru 2011. Fuq din l-ittra hemm

[6] Ara l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill konvenut tas-26 ta’ Lulju 2011 a fol. 87 tal-process
[7] Ara l-ittra legali datata 27 ta’ Lulju 2011 mibghuta lill-attur mill-Kunsill a fol. 20 tal-process
[8] Ara ttra legali datata 9 ta’ Awwissu 2011 mibghuta lill-Kunsill mill-attur a fol. 22 tal-process
[9] Ara l-ittra ta’ terminazzjoni datata 24 ta’ Awwissu 2011 a fol. 25 tal-process
[10] Ara l-ittra legali datata 24 ta’ Awwissu 2011 mibghuta mill-attur lill-Kunsill a fol. 27 tal-process

indikat il-kliem *"Full and Final Settlement"*. L-attur ircieva dan il-hlas u baghat l-ircevuta relattiva lill-Kunsill konvenut.[11]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Permezz tal-kawza odjerna, l-attur qieghed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-Kunsill konvenut jhallsu danni b'konsegwenza tat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' *Contracts Manager* datat 18 ta' Jannar 2010 li l-attur kellu mal-Kunsill Lokai Ta' Xbiex, liema terminazzjoni l-attur jallega li saret da parti tal-istess Kunsill minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

9. Il-Kunsill konvenut laqa' ghal din it-talba permezz ta' tlett eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni giet deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) permezz tas-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014. Illi ghalhekk jifdal li din il-Qorti titratta u tikkunsidra it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-Kunsill konvenut.

*It-Tieni Eccezzjoni – Pagament ghas-saldu*

10. B'din l-eccezzjoni, il-Kunsill konvenut jecepixxi li t-talbiet tal-attur ma humiex proponibbli stante li l-attur kien accetta pagament ghas-saldu minghand il-Kunsill konvenut, minghajr ebda riservi.

11. Ghalkemm il-Qorti tosserva li l-partijiet ftit li xejn ressqu sottomissjonijet dwar din it-tieni eccezzjoni tal-Kunsill konvenut, mir-rizultanzi processwali huwa evidenti li b'din it-tieni eccezzjoni tieghu l-Kunsill konvenut qieghed jaghmel referenza ghal pagament mghoddi minnhu lill-attur permezz ta' *cheque* li kien anness ma' ittra datata 25 ta' Novembru 2011 u li fuqha l-Kunsill konvenut indika li dak il-hlas kien qieghed isir bil-kundizzjoni *"Full and Final Settlement"*.

[11] Ara l-fattura tal-attur, l-ittra bil-hlas datata 25 ta' Novembru 2011 u r-ricevuta relattiva a fol. 39 u 40 tal-process.

12. Dwar il-kondizzjonijiet imposti minn debitur fuq pagament maghmul minnu, fis-sentenza fl-ismijiet **William Apap vs Joseph Galea et nomine** deciza fis-26 ta' Novembru 1986 il-Qorti tal-Appell Kummercjali irriteniet illi *"… … (J)ekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu… … Il-pagament ma giex offert b'xi riserva favur l-appellant li ghalhekk, jekk kellu pretensjonjiet ohra oltre dak li kien qed jigi offert lilu ma kellux isarraf ic-cheque li baghatlu l-konvenut nomine. In fondo hawn qeghdin fl-iktar oggetti elementari in materja ta' pagament u offerti ta' pagament u din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tespandi aktar."*

13. Il-principju enuncjat fis-sentenza appena citata gie segwit f'diversi sentenzi sussegwenti tal-Qrati taghna, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **St. George's Park Company Limited vs Eric Pace Bonello pro et nomine** deciza fil-15 ta' Marzu 2002, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[12] irriteniet illi: *"Dan ghaliex in tema legali u fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u ndubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minfok u jaccettah b'kundizzjonijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu."*

14. Madankollu l-Qorti hija wkoll a konoxxenza ta' sentenzi ohra fejn il-Qrati taghna fissru li l-principju stabbilit fis-sentenza **William Apap vs Joseph Galea et nomine** m'huwiex wiehed assolut, u dan peress li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn dan il-principju ma jigix applikat b'mod daqstant rigoruz. Fost dawn is-sentenzi hemm dik fl-ismijiet **Johann Schembri pro et nomine vs Charlot Mifsud** deciza fid-19 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[13] fejn gie ritenut illi: *"Huwa veru li in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta, u jsarraf ukoll, cheque lilu mibghut fit-termini "full and final settlement" jigi li hu rceva pagament f'dawk l-istess termini precizi. Dan*

[12] *Per* Imhallef Joseph A. Filletti
[13] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*jibqa' hekk pero` sakemm ma jigix muri illi min ircevih ipprotesta dwar hlas ghal dan fil-mument opportun."*

15. Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Vella De Fremeaux et vs Eagle Star (Malta) Limited pro et** deciza fid-9 ta' Novembru 2012, il-Qorti tal-Appell, kollegjalment komposta, ghamlet rassenja ta' dawn is-sentenzi (u ohrajn) u rriteniet illi:

*"33… … (I)l-fatt li s-socjetajiet appellanti ghamlu offerta lill-atturi billi baghtu cheques bhala pagamenti "in full and final settlement", l-atturi kellhom ghazla: jew li jaccettaw dawk il-pagamenti bil-kundizzjoni marbuta maghhom, u b'hekk tigi rizolta l-vertenza, jew inkella jirrifjutaw il-pagamenti; izda zgur li legalment ma setghux, ibiddlu unilateralment il-modalita' tal-pagamenti offruti lilhom, u minn pagamenti ghas-saldu jiddikjaraw li qed jaccettawhom bhala pagamenti akkont tal-ammont pretiz minnhom. Huwa ghalhekk irrilevanti l-fatt li qabel ma l-atturi accettaw il-pagamenti mibghuta lilhom dawn ghamluha cara, kemm b'ittra mibghuta lis-socjetajiet konvenuta, kif ukoll bi protest gudizzjarju, li huma kienu ser jaccettawhom minghajr pregudizzju ghall-ammont bilancjali pretiz minnhom.*

*34. Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li "meta l-konvenuti ghazlu l-mod tal-pagament inkwistjoni, huma ghamlu att unilaterali u kwindi l-atturi b'att unilaterali iehor jistghu jimponu rizerva u kundizzjonijiet marbuta mal-fatt li c-cheque gie minnhom imsarraf." Din il-Qorti tossera li dan l-argument huwa legalment insostenibbli, stante li, filwaqt li s-socjetajiet konvenuti, bhala debituri, kellhom dritt li jaghmlu l-offerta taghhom kif ghamluha, ma kienx konsentit ghall-atturi, bhala kredituri, li jaccettaw l-offerta b'kundizzjonijiet differenti minn dawk kontenuta fl-offerta. Huma kellhom jaghzlu, jew jaccettaw l-offerta maghmula jew jirrifjutawha.*

*35. Illi l-atturi jsemmu kazistika ricenti li fiha l-Qorti tal-Appell [Inferjuri], u l-Qorti tal-Appell [Superjuri] fissru li l-principju enuncjat fis-sentenza Apap v. Gasan, fuq citata, m'huwiex wiehed assolut u jistghu jezistu cirkostanzi fejn ikun gust li l-Qorti thoss li ghandha tiddipartixxi minnu. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li jistghu jezistu cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti gudikanti biex tiddipartixxi minn dan il-principju, imma dawn huma kazijiet eccezzjonali li l-fattispecie taghhom manifestament jirrendu dan il-principju inapplikabbli. Hekk, per ezempju fil-kawza Agius Marble*

*Works Ltd v. AX Construction Limited kien hemm sitwazzjoni ambigwa, fejn il-pagament li sar lill-kreditur, ghalkemm kien dikjarat li kien qed jigi effetwat "in full and final settlement" lampantament ma kienx ikopri x-xoghlijiet addizzjonali li kienet wettqet is-socjeta` kreditrici, u ghalhekk kien jidher car li c-certificate of payment ma kienx jirreferi ghal dawn ix-xoghlijiet li ma kienux indikati fih.*

*36. Fil-kaz in dizamina dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali huma mankanti, u ghalhekk ghandu japplika l-principju fuq espost fir-rigur tieghu."*

16. Mill-atti processwali jirrizulta li effettivament l-attur kien ircieva l-hlas li jifforma l-mertu ta' din l-eccezzjoni, tant li fl-affidavit tieghu jispjega li *"l-ahhar li hallsuni kien fis-17 ta' Novembru 2011 ghal perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru u s-17 ta' Settembru 2011."*[14] L-attur ghazel li mal-affidavit tieghu jesebixxi biss kopja tac-*cheque* u mhux ukoll tal-ittra li maghha c-*cheque* kien anness. Madankollu f'dan il-kaz ma hemm ebda dubju li dan il-pagament intbaghat mill-Kunsill konvenut permezz tal-ittra datata 25 ta' Novembru 2011, u dan peress li oltre l-fatt li n-numru tac-*cheque* jinsab indikat fuq l-istess ittra, Marisa Pisani, li fiz-zmien in kwistjoni kienet is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut, ikkonfermat li din kienet l-ittra li akkumpanjat il-pagament *de quo* mibghut lill-attur.[15] Minn din l-ittra, huwa evidenti li dan il-pagament kien qieghed jigi mibghut ghas-saldu ghaliex fuqha hemm indikat b'mod car il-kliem *"Full and Final Settlement"*.[16] In oltre, mix-xhieda ta' Marisa Pisani jirrizulta li din l-ittra giet redatta b'din id-dicitura fuq parir legali. Fil-fatt fix-xhieda taghha Marisa Pisani tghid hekk: *"(N)af li konna ghamilna karta bl-Avukat, the* [recte in] *full and final settlement u li c-cekk kien imsarraf".*[17]

17. Mill-provi prodotti jirrizulta li dan il-pagament gie accettat mill-attur tant li huwa baghat ricevuta tal-hlas lill-Kunsill konvenut.[18] Ma jirrizultax li meta l-attur ircieva dan il-hlas huwa ipprotesta mal-Kunsill konvenut dwar din il-kundizzjoni, u dan minkejja li fl-ittra legali tieghu tal-24 ta' Awwissu 2011 huwa kien precedentement gharraf lill-Kunsill konvenut li jekk ma kienx ser jirrevedi d-decizjoni li jittermina l-kuntratt tieghu

[14] Ara l-affidavit tal-attur a fol. 73 tal-process
[15] Ara x-xhieda ta' Marisa Pisani a fol. 191 tal-process
[16] Ara l-ittra bil-hlas datata 25 ta' Novembru 2011 a fol. 39 tal-process
[17] Ara x-xhieda ta' Marisa Pisani a fol. 195-196 tal-process.
[18] Ara r-ricevuta tal-attur a fol. 40 tal-process

bhala *Contracts Manager*, l-attur kien ser jipprocedi ulterjorment.[19] Jekk l-attur kellu pretensjonijiet ohra fil-konfront tal-Kunsill konvenut, bhal dawk minnu manifestati fil-kawza odjerna, huwa kellu l-ghazla li jirrifjuta l-hlas lilu maghmul b'dik il-kundizzjoni specifika. L-attur ma setghax b'mod unilaterali jbiddel il-modalita' tal-pagament u jaccettaha b'kundizzjoni differenti minn dik li tahtha gie offrut. Dan peress li filwaqt li l-Kunsill konvenut kellu kull dritt li jaghmel l-offerta ta' pagament bil-kundizzjoni li dan kien qieghed jigi offrut ghas-saldu, l-ghazla f'idejn l-attur kienet jew li jaccetta l-pagament b'dik il-kundizzjoni jew inkella li ma jaccettahx.

18. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jghid hekk:

*"M'ghandhiex mis-sewwa l-eccezzjoni tal-Kunsill intimat illi l-esponent accetta pagament akkont a saldu ta' dak kollu lilu dovut, u cioe 'in full and final settlement' billi dan ma jirrizulta mill-ebda prova prodotta fl-atti processwali."*[20]

Minn dak fuq espost, jirrizulta ampjament li din is-sottomissjoni tal-attur m'hix wahda fattwalment korretta, stante li mill-atti processwali jirrizulta illu hu accetta l-pagament li gie offrut lilu mill-Kunsill konvenut ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu.

19. In oltre, fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz ma jirrizultawx dawk ic-cirkostanzi eccezzjonali li jistghu iwassluha tiddipartixxi mill-principju illi l-accettazzjoni ta' pagament ghas-saldu testingwi kwalsiasi pretensjoni ohra li seta' kellu l-attur. Ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni tal-Kunsill konvenut ser tigi milqugha.

20. In vista tal-konkluzjoni ta' din il-Qorti dwar it-tieni eccezzjoni, m'hemmx lok li din il-Qorti tezamina wkoll it-tielet eccezzjoni mressqa mill-Kunsill konvenut.

**Konkluzjoni**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

[19] Ara l-ittra legali datata 24 ta' Awwissu 2011 mibghuta mill-attur lill-Kunsill a fol. 27 tal-process
[20] Ara fol. 228 tal-process

1. Tilqa t-tieni eccezzjoni tal-Kunsill konvenut.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tal-Kunsill konvenut.

3. Konsegwentement, tichad it-talba tal-attur fit-totalita' taghha.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri – hlief dawk tal-proceduri u tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Novembru 2014 - ghandhom jithallsu mill-attur. L-ispejjez in konnessjoni mal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell ghandhom jigu sopportati kif jinghad f'dik l-istess sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**